TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 209/11 (JE).

Cynthia Busuttil

vs

SMS Mondial Ltd.

Illum, 27 ta' Marzu 2012.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ta' Cynthia Busuttil tad-9 ta' Mejju 2011 fejn stqarret illi bbukjat ġita mal-Mondial Travel u meta għamlet il-booking, hija ġiet imwiegħda lukanda *3 star*. Waqt il-laqgħa li kellha fl-uffiċini tal-SMS f'Valletta fil-15 ta' Diċembru 2010, it-*tour leader* esklama aktar minn darba illi kienu ser ikunu akkomodati f'lukanda ta' tlett stilel. Meta waslet fid-destinazzjoni, l-attriċi ġiet allokata f'lukanda ta' żewġ stilel f'kamra żgħira għal tlieta min-nies. Minflok komodina, kien hemm *fridge* mitfiegħa. Fil-kamra tal-banju li ma kienetx imsaħħna, kien hemm *electric fan heater* imdendel ħdejn is-sink peress illi kien storbjuż u ġperikoluż. Meta l-attriċi ġibdet l-attenzjoni tat-*tour leader*, Marco Bartolo, hu qalilha illi ma setgħa jagħmel xejn għax ma kienx hemm wiesgħa fil-lukanda l-oħra fejn kien qiegħed joqgħod il-kumplament tal-grupp u li kienet ta' tlett stilel. L-attriċi qiegħda tallega illi min xi litteratura li ġabret mil-lukanda, sabet li kienet ġiet akkomodat f'lukanda inferjuri li l-prezz tagħha kien ivarja b'€ 7 kull jum kull persuna. Għaldaqstant, talbet € 147 għal seba' ġranet għal tlieta min-nies.

Ra r-risposta tas-soċjetà konvenuta illi ċaħdet illi l-attriċi ġiet imwiegħda lukanda tlett stilel imma illi skond il-programm, l-attriċi ġiet imwiegħda akkomodazzjoni f'"budget class hotel".

Sema' l-provi tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi jidher illi d-difiża prinċipali tas-soċjetà konvenuta hija illi l-fuljett li tqassam lill-ġitanti kien jiddikjara illi l-ġitanti ser jiġu akkomodati f'"budget class hotel" u m'hux f'lukanda ta' tlett stilel. Mix-xhieda prodotta, jidher ċar illi fil-laqgħa li saret qabel il-ġita, il-ġitanti ngħataw x'jifhmu illi kienu ser jitpoġġew f'lukanda ta' tlett stilel. Is-sur Marco Bartolo, it-

*tour leader*, stqarr illi f'din il-laqgħa l-anqas kien jaf illi l-lukanda fejn kienu ser joqogħdu kellha tlett stilel. Dan juri nuqqas ta' professjonalità. Mill-banda l-oħra, huwa ddikjara illi huwa ma ċaħadx illi kienu ser joqogħdu f'lukanda ta' tlett stilel kif kienu ddikjaraw xi ġitanti. It-Tribunal iħoss illi m'hux ġust illi ġitant jingħataw l-impressjoni illi kienu ser jitpoġġew f'lukanda ta' tlett stilel meta dan ma jkunx il-każ. F'każijiet bħal dan, is-soċjetà konvenuta ma tistax tistrieħ fuq xi "small print clause" fil-fuljett li tagħti lill-ġitanti sabiex teħles minn kwalunkwe responsabilità fir-rigward. It-Tribunal għandu ukoll dubju kemm l-istruttura illi fiha tpoġġiet l-attriċi tista' tissejjaħ lukanda peress illi l-attriċi kienet tingħata ċ-ċavetta tal-bieb ta' barra peress illi ma kellhiex faċilitajiet ta' riċezzjoni. Pjuttost illi huwa l-każ li si tratta ta' "pensione" jew "guesthouse".

Mill-banda l-oħra, l-attriċi qiegħda titlob rimbors għal tlieta min-nies, presubilment għal żewġha u l-persuna l-oħra li kienet fil-kamra magħhom. Dawn il-persuni m'humiex fil-kawża u l-attriċi ma ġabet l-ebda prova illi hija kienet ħallset il-ġita għal dawn l-individiwi l-oħra. Għaldaqstant, it-talba tagħha fir-rigward ta' dawn iż-żewġ individwi ma tistax tintlaqa'.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tal-attriċi limitament fis-somma ta' € 49 bl-ispejjeż kontra s-soċjetà konvenuta.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.